MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Rikors Kongunt Numru. 610/2013

**AB**
**u**
**CB**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettew:

Illi l-esponenti zzewgu fil-25 ta' Settembru, 1999, fil-Knisja tas-Salvatur, Hal-Lija u z-zwieg huwa rregistrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta (dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok A);

Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali minn xulxin fis-7 ta' Novembru, 2013, skond il-kuntratt ta' separazzjoni fl-Atti tan-nutar Dr Joseph Tabone, (dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok B);

Illi l-partijiet ilhom de facto separati u jghixu separatament ghal dawn l-ahhar erba' snin u nofs u ma hemm l-ebda prospett ghal rikonciljazzjoni;

Illi fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni gie iddikjarat illi l-konjugi kontendenti kienu ser jirrinunjzaw b'mod irrevokabbli ghad-dritt illi jircievu u/jew illi jitolbu manteniment minghand xulxin;

Illi l-partijet ghandhom tifla Soliah ta' hdax-il sena u ma hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment ghat-tifla dovut bejn il-kontendenti;

Ghaldaqstant talbu li din il-Qorti joghgobha ai termini tad-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap. 16) tholl iz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku u dan ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

Rat ir-rikors kongunt li gie kkonfermat bil-gurament miz-zewg rikorrenti;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' Jannar, 2014;

Rat l-affidavit kongunt bix-xieh  da taz-zewg rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom *de facto* separati u li jghixu separatament ghal dawn l-ahhar erba' snin u nofs u ottjenew is-separazzjoni personali minn xulxin fis-7 ta' Novembru 2013;

Illi il-Qorti rat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi il-Qorti rat ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------